

# RADJU MARIJA

102.3FM/107.8FM

*Programmi - Xitwa 2024*

# *Idejjagna u Ndejquh*

Pubblikazzjoni Assoċjazzjoni
Radju Marija (Malta)
Nru 106 - VO/1584
Jannar - Marzu 2024

Skeda Ġdida Paġna 6-7

Radju Marija miegħek 24/7 - www.radjumarija.org/listen-live

# Idejjaqna u Ndejquh



"F'intervista nhar il-11 ta' April għal ktieb li jismu 'Esorcisti contro Satana' il-Papa Franġisku jgħid illi jaf li x-xitan ma jaħmlux għax idejqu. Però jaf ukoll li jieħu pjaċir meta jiżbalja u jidneb, imma fl-aħħar qal ukoll " ix-xitan ifittex il-waqgħa tal-bniedem imma ma jista' jagħmel xejn jekk ikun hemm it-talb".

Dan il-kliem fakkarni fl-importanza kbira li Radju Marija jagħti lit-talb matul il-ġurnata, għaliex iva aħna wkoll bħall-Papa żgur li ndejquh ħafna lil giddieb, qarrieq u satana u għalhekk jipprova jfixkilna. Jagħmel dan meta jipprova jaqtagħlna qalbna, jew tinqala' xi problema teknika jew amministrattiva.

Imma l-esperjenza issa għallmitna li meta tinqala' xi ħaga minn ġewwa jew minn barra dan ifisser li se joħroġ xi ġid li, wara ħafna, insiru nafu bih jew li forsi qatt ma nkunu nafu bih ħlief fis-sema pajjiżna.

Għalhekk għeżież semmiegħa, dan ir-Radju wkoll jgħaddi minn dak kollu li hu ta' tfixkil bħalkom imma bit-talb id-Dragun infernali jaħrab u indejquh aħna u mhux hu lilna.

Komplu isimgħuna, ibqgħu isimgħu l-vuci ta' Kristu fit-talb, fil-mużika u fil-tagħlim biex ma' Marija nisħqu ras is-serpent velenuż minn ħajjitna, minn djarna u mill-postijiet fejn naħdmu, kif għal grazzja ta' Alla qed jiġri fil-ħajja ta' bosta li jkellmuna.

Viva Ġesù
Viva Marija
Viva Radju Marija

Fr Antoine Borg
*Direttur Radju Marija Malta*

# IL-KALENDARJU L-ĠDID TA' RADJU MARIJA
## MALTA 2024







It-tema tas-sena 2024 hija
**TITLI MARJANI.**

Kalendarju b'ritratti mill-isbaħ, b'informazzjoni mis-sena liturġika, spazju għan-noti, faċli biex issegwi.

Għin lil Radju Marija u ixtri dan il-kalendarju bi prezz ta **€3.50** minn Radju Marija u ħwienet oħra ewlenin, jew żid **€1.50** jekk tixtieq tirċevih bil-posta.

Din is-sena għandna offerta speċjali!! Ma' kull 10 kopji li tixtri, tieħu wieħed B'XEJN!! Ħeġġeġ lil tal-familja, kollegi jew ħbieb fil-parroċċa.

***Għal aktar dettalji ċempel 21453105 jew ibgħat imejl fuq info.mal@radiomaria.org***

# PATRICIA SANDOVAL izur Radju Marija

*FL-1 ta' Diċembru saret laqgħa fl-iskola ta' Santa Monika ġewwa B'Kara, fejn il-mistiedna kienet is-Sinjura Patricia Sandoval, mara Messikana li qattgħet ħafna minn ħajjitha tgħix ġewwa l-Amerika.*

*Hija tat ix-xhieda tagħha dwar it-tliet aborti li għażlet li tgħaddi minnhom hi f'żgħożitha, kif ukoll ix-xahar traġiku li ħadmet ġewwa klinika tal-aborti.*
*Dan kollu ħalla marka trawmatika fuqha, tant li spiċċat tgħix bħala tfajla drogata fit-toroq tal-Amerika, fid-dlamijiet tad-dipressjoni, biża' u bla tama.*
*Illum tgħix biex tevanġelizza lil Alla u lill-Madonna, u tħabrek biex jiġi evitat il-qtil tat-trabi innoċenti.*

*Patricia kienet parti minn attivita' tal-Life Network ġewwa Malta, fejn qiegħed isir ħafna ġid.*





Marija,
urina l-għażliet tal-ħajja,
farragna fi żmien il-prova.
ħalli b'hekk fidili lejn
Alla u lejn il-bniedem,
naffrontaw b'umiltà, u b'kuraġġ
it-triqat misterjużi tas-sema,
biex inwasslu f'moħħ u f'qalb kull
persuna l-aħbar it-tajba ta'
Kristu Redentur tal-bniedem.
Marija, kewba tal-evanġelizzazzjoni,
imxi magħna,
mexxi lil Radju Marija
u kun il-protettriċi tiegħu.

RADJU MARIJA
102.3FM/107.8FM

RADJU MARIJA
102.3FM/107.8FM

# Skeda Programmi Xitwa 2024
## *(Jannar - Marzu 2024)*

| ĦIN | TNEJN | TLIETA | ERBGĦA | ĦAMIS | ĠIMGĦA | SIBT | ĦADD |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 7.00am | Rużarju, Quddiesa u Anġelus | | | | | | 7.30: Jum il-Mulej |
| 8.05am | Kuntatt, Tifħir ta' Sbieħ il-Jum u Ħajja ta' Xhieda u ta' Fidi | | | | | | (8.15am) Tifħir ta' Sbieħ il-Jum |
| 9.00am | Lectio Divina / Milli Qrajt / ikompli Kuntatt | | | | | | (8.40am) Aħbar ta' Ferħ |
| 9.30am | | Għalik kollox | | | | | Il-Miraklu ta' Radju Marija (rpt) |
| 10.00am | ikompli Kuntatt | Mid-Direttur | ikompli Kuntatt | | | Nixtarru kitbet San Ġorġ Preca | Quddiesa |
| 11.00am | Confessio | Ġesu Kristu Superstar Jew Le? | Ftit minn kollox | Nibnu u ngħixu kultura tal-ħajja | L-Aħħar Qatra | Mid-Djarju tal-Papa (rpt) | Kireh u Bileh (rpt) |
| 12.00pm | Anġelus u Rużarju | | | | | | |
| 12.30pm | Rużarju tal-Erwieħ | Rużarju ta' San Mikiel | Rużarju ta' San Ġużepp | Rużarju tal-Erwieħ | Rużarju tad-Duluri | Rużarju ta' San Mikiel | Rużarju ta' San Mikiel |
| 1.00pm | Klassiċi u Sagri (rpt) | Mal-Melodija Maltija | Tifkiriet ta' Nostalġija | L-Armonija fl-għanja Nisranija | Għannu lil ismu | Magazine | Mal-Melodija Maltija (rpt) |
| 2.00pm | Jien hu l-Ħobż tal-Ħajja | Qari - Il-Ġurnal tar-ruħ | Qari -It-Tmiem u l-ħniena lejn l-erwieħ | Il-Miraklu ta' Radju Marija | (2.10pm) Qari - Il-Bniedem ta' kullħadd | | Ħadd Kumpanija |
| 2.30pm | | Relazzjonijiet | Tama kontra kull Tama | Relazzjonijiet | | | |
| 3.00pm | Kurunella tal-Ħniena Divina | | | | | | |
| 3.30pm | Omelija mill-Arċidjoċesi ta' Malta | | | | | Riflessjonijiet | Ħadd Kumpanija (ikompli) |
| 4.00pm | Fl-iskola ta' San Piju | Serħan il-moħħ u l-qalb | Komunita ta' mħabba u ħajja | Mid-Djarju tal-Papa | Il-Qaddejja t'Alla Henry u Inez Casolani | Kireh u Bileh | |
| 5.00pm | Fil-klassi tad-Duttrina | Ejjew għandi..u jien inserraħkom | Għal ħajja aħjar | L-Evanġelizzazjoni - Il-Ferħ tal-Knisja | Nara, nisma' u nikkumenta | Għandi lilek, għandi kollox | Solidarjetà ma' ħutna ppersegwitati |
| 5.30pm | Lectio Divina / Milli Qrajt (rpt) | | | | | | |
| 6.00pm | Anġelus u Rużarju | | | | | | |
| 6.30pm | Quddiesa | | | | | | Il-Qrar ifejjaq l-imrar |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 6.00pm | Anġelus u Rużarju | | | | | | |
| 6.30pm | Quddiesa | | | | | | Il-Qrar ifejjaq l-imrar |
| 7.10pm | Għasar | | | | | | |
| 7.25pm | Aħbarijiet minn Radju Vatikan | | | | | Fjuretti ta' San Franġisk | Qari Skrittura |
| 7.40pm | In-Novena | | | | | | |
| 8.00pm | Ejjew u taraw...Marru u raw | Tweġiba Kattolika | Ġesu Kristu Superstar Jew Le? (rpt) | Mis-Swali tal-Kunċerti | Kont Marid u Ġejt Żżuru | Aħbar ta' ferħ | Magazine (rpt) |
| 9.00pm | Inbid Ġdid | | Għajn ta' Ġid | Tifħir u glorja | Vuċi Missjunarja | Klassiċi u Sagri | |
| 9.30pm | | | | Profili | | | |
| 10.00pm | Rużarju, Ħajja ta' Xhieda u ta' Fidi, Eżami tal-ġurnata u Kompieta | | | | | | |
| 11.00pm<br>11.30pm | Nixtarru kitbet San Ġorġ Preca (rpt) | Confessio (rpt) | Ġesu Kristu mhux Superstar? (rpt) | Fanal għal riġlejja (lectio Divina) rpt | Mid-Direttur (rpt) | Nibnu u ngħixu kultura tal-Ħajja (rpt) | Jum il-Mulej (rpt) |
| | **TLIETA** | **ERBGĦA** | **ĦAMIS** | **ĠIMGĦA** | **SIBT** | **ĦADD** | **TNEJN** |
| 12.00am | Mis-Swali tal-Kunċerti (rpt) | Għandi lilek, għandi kollox (rpt) | Jien hu l-ħobż tal-Ħajja (rpt) | Klassiċi u Sagri (rpt) | Għannu lil ismu (rpt) | L-Armonija fl-għanja Nisranija (rpt) | Tifkiriet ta' Nostalġija (rpt) |
| 1.00am | Profili (rpt) | Qari Skrittura (rpt) | Fil-klassi tad-duttrina (rpt) | Tama kontra kull Tama (rpt) | Għal ħajja aħjar (Taħdita minn Kuntatt) | L-Evanġelizzazjoni - Il-Ferħ tal-Knisja (rpt) | Qari - Il-Ġurnal tar-ruħ (rpt) |
| 1.30am | Rużarju ta' San Mikiel u Novena | Rużarju ta' San Ġużepp u Novena | Rużarju tal-Erwieħ u Novena | Rużarju tad-Duluri u Novena | Rużarju ta' San Mikiel u Novena | Rużarju ta' San Mikiel u Novena | Rużarju tal-Erwieħ u Novena |
| 2.00am | L-Aħħar Qatra (rpt) | Il-Qaddejja t'Alla Henry u Inez Casolani (rpt) | Solidarjetà ma' ħutna ppersegwitati (rpt) | Serħan il-moħħ u l-qalb (rpt) | Ġesu Kristu Superstar Jew Le? (rpt) | Vuċi Missjunarja (rpt) | Komunita ta' mħabba (rpt) |
| 3.00am | Kurunella tal-Ħniena Divina | | | | | | |
| 3.30am | Qari - Il-bniedem ta' kullħadd (rpt) | Nara, nisma' u nikkumenta (rpt) | Il-Qrar ifejjaq l-imrar (rpt) | Qari -It-Tmiem u l-ħniena lejn l-erwieħ (rpt) | Għalik kollox (rpt) | Ejjew għandi.. U jien inserraħkom (rpt) | Il-Miraklu ta' Radju Marija (rpt) |
| 4.00am | Rużarju | | | | | | |
| 4.30am | Magazine (rpt) | Ejjew għandi..u jien inse | Fl-iskola ta' S.Piju ta' Pietrelcina (rpt) | Ftit minn kollox (rpt) | Tweġiba Kattolika (rpt) | Kont marid u ġejtu żżuruni (rpt) | Vuċi Missjunarja (rpt) |
| 5.30am | | Fanal għal riġlejja (Lectio divina) | Inbid Ġdid (rpt) | Għajn ta' Ġid (rpt) | | Tifħir u glorja (rpt) | Ara Ommok (rpt) |
| 6.00am | | | | | | Il-Katekizmu tal-Knisja Kattolika | |
| 6.30am | Rużarju ta' San Mikiel | Rużarju ta' San Ġużepp | Rużarju tal-Erwieħ | Rużarju tad-Duluri | Rużarju ta' San Mikiel | Rużarju ta' San Mikiel | Rużarju tal-Erwieħ |

**Radju Marija jirriserva d-dritt li jbiddel xi programmi minn din l-iskeda fiż-żmien li tkun qiegħda tixxandar minħabba ċirkustanzi li ma jkollux kontroll fuqhom.

**Radju Marija miegħek 24/7 - www.radjumarija.org/listen-live**

# Programmi Ġodda fl-iskeda tax-Xitwa 2024



## Tama Kontra Kull Tama

*Produzzjoni u preżentazzjoni ta' Dr Andrew Baldacchino.*

Qabel il-ftuħ tas-sinodu tal-isqfijiet f'Ruma, bit-tema; "Lejn Knisja Sinodali – komunjoni, parteċipazzjoni u missjoni", fuq talba tal-Q.T il-Papa, il-parteċipanti sabu ħin għall-tlett ijiem irtir imexxi minn Patri Dumnikan, Timothy Radcliffe, ex-majjistru tal-ordni Dumnikana, bit-tema " Tama kontra kull tama." F'dan il-programm ser nirriflettu fuq xi siltiet meħuda mit-tahdietiet ta' Patri Radcliffe bħal; Ahna f'dar Alla u Alla f'darna, l-ħbiberija, Fi triq lejn Emmaus, l-Awtorita, u l-Ispirtu tal-Verità.



## Min Huma l-Qaddejja t'Alla ?
## Henry U Inez Casolani

*Produzzjoni u preżentazzjoni ta' Stephanie Quintano u Bridget Micallef*

L-Isqfijiet Maltin u Għawdxin fit-testimonjanzi tagħhom ġa ppreżentaw lil din il-Koppja bħala mudell ta' ħajja qaddisa. Is-sigriet ta' Henry u Inez Casolani kien Ġesù fl-Ewkaristija li huma kienu jirċievu kuljum u jaduraw kull ħin. Il-Mulej kien l-ewwel u qabel kollox għalihom! F'din is-sensiela se naraw kif aħna lkoll nistgħu ninpenjaw ruħna aktar bis-sħiħ f'ħajja ta' qdusija u nixtarru fuq l-eżempju inkoraġġanti tal-virtujiet ta' Henry u Inez Casolani li tagħhom issa il-kawża għall-Beatifikazzjoni miexja ġmielha.

## Serħan il-Moħħ u l-Qalb

*Produzzjoni u preżentazzjoni ta' Leonard Zerafa*



Il-programm ser jgħinna nifhmu għaliex xi kultant inħossuna li qed naqtgħu qalbna. F'din is-sensiela se nippruvaw naraw kif ngħelbu dawn l-isfidi li qed naffaċjaw fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Permezz ta' psikologi u diversi mistiedna ser nidħlu iktar fil-fond ta' dawn l-isfidi li qed niffaċjaw u flimkien nippruvaw naraw kif nistgħu nsibu iktar paċi f'ħajjitna u ngħixu ħajja li tagħmel aktar sens.



## It-Tmiem u l-Ħniena Lejn l-Erwieħ -

*Produzzjoni u preżentazzjoni ta' Joe Micallef*

"Zmien ħajjitna hu b'kollox sebgħin sena, u l-iżjed tmenin jekk inkunu f'saħħitna; u l-biċċa l-kbira taħbit u niket; malajr jgħaddu, u aħna mmorru magħhom". Hekk jgħidilna Salm 89 fl-Iskrittura Mqaddsa.
F'din is-sensiela, il-preżentatur Joe Micallef ser iwieġeb għal dawn id-domandi.
Wara din il-ħajja x'se jiġri? Il-mewt naħsbu fuqha? Il-ħsieb tal-eternita' jgħaddi minn moħħna? Kif se jkun il-ġudizzju t'Alla?
X'se jkun it-tmiem tagħna wara dawn il-ftit snin fuq din l-art? X'se nsibu qed jistenniena? Il-purgatorju li nisimgħu fuqu, x'inhu post jew stat? Veru hemm in-nar kif nafuh aħna u kif narawh b'ghajnejna? Il- Knisja tħeggigna halli nitolbu għall-erwieħ li jinsabu hemmhekk sabiex jinħelsu minn dan l-istat kemm jista' jkun malajr. Kemm idumu mela hemmhekk l-erwieħ? U kull min isalva ruħu imur il-purgatorju?

## Il-Bniedem Ta' Kulħadd

*Qari u preżentazzjoni minn Syliva Riolo*

Dan il-qari huwa mid-djaru miktub minn saċerdot Taljan, Don Icilio Felicci "Uomo di Tutti" li ġie maqlub għall-Malti minn Dun Philip Grech. F'dan il-ktieb ser nisimgħu rakkont ta' dan is-saċerdot f'parroċċa ċkejkna fl'Italja fejn kien iservi fis-snin disgħin. Ser nisimgħu l-esperjenza pastorali li hija msejsa bi ġrajjiet ta' ferħ, ta' dwejjaq, ta' konsolazzjoni u taqtigħ il-qalb.





## Komunita' Ta' Mħabba u Ħajja -

*Produzzjoni u preżentazzjoni tal-koppja John u Mary Dimech.*

F'din is-sensiela, l-koppja Dimech ser jittrattaw it-tema tas-sagrament taż-żwieġ. Minkejja t-tbatija tal-ħajja, il-koppji jistgħu permezz ta' din is-sensiela jerġgħu jiskopru l-ġmiel u l-ferħ fiż-żwieġ kemm il darba jħallu l Alla jimla 'l qlubhom biħ.




**Ġesu Kristu mhux Superstar?** – *Preżentazzjoni u produzzjoni tal-E.T. Mons. George Frendo.*

L-istorja hi mimlija b'nies kbar. Xi wħud minnhom, bħall-Fargħuni tal-Eġittu, ippretendewha ta' allat; oħrajn, bħal Budda, Mawmettu, Konfuċju, Lao-Tze, qalu li huma messaġġiera ta' Alla, u waqqfu religjonijiet li għadhom jeżistu. Għall-mistoqsija ta' Ġesu': "Intom min tgħidu li jien?", ħafna llum iwieġbu li kien superstar, ġenju reliġjuż, għalliem morali, rivoluzzjonarju.... Iżda għalina li nemmnu, x'inhu Ġesu'? Taħseb li hu superstar?



**Il-Ferħ tal-Knisja li Tevanġelizza**

– *Produzzjoni u preżentazzjoni ta' Joe Fenech*

Hekk qalilna l-Papa Franġisku waqt iż-żjara tiegħu f'Malta fit-2 t'April, 2022. F'din is-sensiela ta' programmi, ser nipprovaw niskopru aħna wkoll dan il-ferħ tal-Knisja li hija ssibu biss meta xxandar lil Ġesù lid-dinja.

**Aħbar Ta' Ferħ** – *Preżentazzjoni u produzzjoni ta' Vince Zammit u Marlene Bianco*

F'din is-sensiela ser nirriflettu bl-għajnuna ta' Vince u Marlene, fuq il-Liturġija tal-Kelma li titħabbrilna kull nhar ta' Ħadd. Ikun spjegat il-messaġġ prinċipali li joħroġ mill-qari li l-Knisja tippreżentalna fil-jum tal-Ħadd.



# Grazzi tas-sapport tiegħek lil Radju Marija!

## *Biex tgħin lil Radju Marija jkompli l-missjoni tiegħu ta' evanġelizzazzjoni, inti tista':*

Tħalli d-donazzjoni tiegħek fir-reception ta' Radju Marija - 40, Triq San Vinċenz Ferreri, ir-Rabat, Malta, fil-ħinijiet tal-ftuħ.

Tibgħat donazzjoni b'sms:
- 5061 8063 għal donazzjoni ta' €4.66
- 5061 9278 għal donazzjoni ta' €11.65

Tibgħat donazzjoni billi ċċempel:
- 5160 2046 għal donazzjoni ta' €10.00
- 5170 2019 għal donazzjoni ta' €15.00
- 5180 2047 għal donazzjoni ta' €25.00
- 5190 2091 għal donazzjoni ta' €50.00

Tibgħat ċekk pagabbli lil Radju Marija Malta – Kaxxa Postali 19 RBT 1230

Tiddepożita donazzjoni fil-kontijiet ta' Radju Marija f'dawn il-banek:

**BOV IBAN:**
MT09VALL2201 3000 0000 1460 9142 012
Numru tal-Kont: 1460 9142 012

**APS IBAN:**
MT31APSB7705 7006 0638 2000 0834 148
Numru tal-Kont: 2000 0834 148

**HSBC IBAN:**
MT05MMEB4458 7000 0000 5803 0875 050
Numru tal-Kont: 0580 3087 5050

Tagħti donazzjoni lil Radju Marija permezz tal-BOV Mobile App bin-numru 79453107.

*Grazzi*

*Minn qalbna nirringrazzjawkom tal-appoġġ kontinwu tagħkom. Jalla l-Mulej u Ommna Marija jbierku lilkom u l-familji tagħkom għal mitt darba aktar.*

# Servizzi offruti minn Radju Marija

## Avviżi ta' mwiet u tifkiriet ta' anniversarji fuq Radju Marija

Dawn jixxandru kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa fit-8.00am, fil-11.55am u fl-3.55pm, u kull nhar ta' Sibt fit-8.00am biss.

Importanti li l-avviżi jiġu ppreżentati fir-Reception ta' Radju Marija fil-ħinijiet tal-ftuħ.

Min jippreżenta l-avviż irid ukoll jippreżenta l-karta tal-identità. Ma jiġux aċċettati avviżi permezz tat-telefon.

## Avviżi komunitarji mxandra kuljum fuq Radju Marija

Il-parroċċi u l-għaqdiet li jixtiequ jxandru l-attivitajiet tagħhom huma mistiedna biex jibgħatu l-avviż sa mhux aktar tard minn ġimgħa qabel fuq info.mal@radiomaria.org

L-attivitajiet għandhom ikunu ta' natura reliġjuża jew ta' formazzjoni nisranija u ma jistgħux jinkludu attivitajiet ta' ġbir ta' fondi. Hija fid-diskrezzjoni tad-direzzjoni ta' Radju Marija meta u kemm-il darba jixxandar l-avviż.

RADJU MARIJA
102.3FM/107.8FM

40, Triq San Vinċenz Ferreri,
ir-Rabat, Malta RBT 2503

+356 2145 3105

info.mal@radiomaria.org

Radju Marija Malta

www.radjumarija.org
VO/1584